MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 2099/1995/1

**Joseph Ebejer**

**vs**

**Josephine Ebejer**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 1 ta’ Dicembru 1995 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta’ Novembru 1986 fil-Knisja ta’ San Giljan;

Illi l-partijiet ghandhom tifla, Maxine, ta’ seba` (7) snin;

Illi l-minuri qeghda tghix ma' l-attur u dan ghal dan l-ahhar tlett snin wara digriet ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi l-kunsens ta' l-attur ghal dan iz-zwieg ittiehed b'qerq dwar kwalita` *ossia* marda ereditarja li omm il-konvenuta kellha u liema marda waslet ghall-mewt prematura ta' l-istess omm;

Illi l-konvenuta kienet konsapevoli ta' din il-marda kif ukoll konsapevoli tal-fatt li din hija marda ereditarja;

Illi l-konvenuta volontarjament, hbiet dan il-fatt;

Illi kieku l-attur kien konsapevoli ta' dan huwa ma kienx jikkonsenti ghaz-zwieg;

Illi l-attur sar jaf b'dan il-fatt wara z-zwieg;

Illi meta l-attur staqsa dwar il-marda li minnha kienet afflitta omm il-konvenuta, huwa qatt ma ha risposta minghand il-konvenuta jew il-familja taghha.
Illi ghalhekk, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi minhabba li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat u ma kienx hieles peress illi l-kunsens tieghu ittiehed b'qerq dwar kwalita` tal-konvenuta *stante* li fil-familja tal-konvenuta hemm marda ereditarja, u li kieku kien jaf biha, l-attur ma kienx jaghti l-kunsens tieghu, iz-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attur datata 19 ta' Dicembru 1995 fejn fl-istess att tal-kawza 2099/95 VDG, permezz taghha pprezenta xi dokumenti;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo, tad-9 ta’ Ottubru 1997; 25 ta’ Novembru 1997; tal-5 ta’ Marzu 1998; u ta’ l-14 ta’ Mejju 1998 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland, ghall-konvenuta, tat ruhha b’notifikata bic-citazzjoni attrici;

Rat li ghalkemm il-konvenuta kienet notifikata bic-citazzjoni attrici, hija baqghet ma pprezentat l-ebda nota ta’ l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Ottubru 1998 fejn giet nominata Dr. Veronica Galea Debono bhala Perit Legali minkejja l-kontumacja tal-konvenuta;

Rat in-nota ta’ ta’ l-attur datata 6 ta’ April 1999 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess;

Rat il-verbali tas-seduti tat-12 ta’ April 1999; tat-2 ta’ Lulju 1999; ta’ l-20 ta’ Jannar 2000; tat-22 ta’ Marzu 2000; tat-23 ta’ Gunju 2000; tal-11 ta’ Dicembru 2000; tat-30 ta’ Ottubru 2001; tad-9 ta’ Mejju 2002; tal-15 ta’ Ottubru 2002; u tal-25 ta’ Marzu 2003;

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali;

Rat il-verbali tas-seduti datati 25 ta’ Gunju 2003; u 12 ta’ Novembru 2003 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport u Dr. Anthony Cutajar informa lill-Qorti li pprova jikkomunika mal-konvenuta li tinsab rikoverata f’Mount Carmel Hospital izda ma kienx possibbli ghalih minhabba l-istat taghha;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali pprezentat fil-25 ta’ Gunju 2003;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2003;
Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 11 ta’ Dicembru 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Jannar 2004 fejn inghata digriet ta’ l-affidavits tal-konvenuta;

Rat it-talba tal-konvenuta datata 19 ta’ Mejju 2003 fejn talbet li tkun ammessa ghall-beneficcju gratuitu;

Rat id-digriet tad-19 ta’ Mejju 2003 fejn Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno gew nominati bhala difensuri ta’ l-Ghajnuna Legali;

Rat in-nota pprezentata minn Dr. Anthony Cutajar datata 23 ta’ Jannar 2004 fejn qal li gie nfurmat illi l-konvenuta m’hijiex f’pozizzjoni li tista` tirrilaxxa jew tiffirma affidavit;

Rat il-verbal ta’ l-Avukat Dr. Anthony Cutajar datat 12 ta’ Mejju 2004 fejn informa lill-Qorti li qed jirtira, ghan-nom tal-konvenuta, r-rikors tal-11 ta’ Dicembru 2003 a fol. 62 tal-process;

Rat li *in vista* ta’ din id-dikjarazzjoni, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess rikors datat 1 ta’ Dicembru 2003 b’dan li l-istess konvenuta baqghet kontumaci;

Rat il-verbali tas-seduti tas-17 ta’ Frar 2004; tas-26 ta’ Frar 2004; tas-16 ta’ Marzu 2004; tat-12 ta’ Mejju 2004; u tat-12 ta’ Mejju 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Mejju 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnu, l-attur qed jitlob li z-zwieg li gie celebrat bejnu u bejn il-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett, billi l-kunsens tieghu kien vizzjat u ma kienx hieles peress illi l-kunsens tieghu ttiehed b’qerq dwar kwalita’ tal-konvenuta stante li fil-familja tal-konvenuta hemm marda ereditarja, u li kieku kien jaf biha

l-attur ma kienx jaghti l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg, u dan kif previst fl-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi l-**artikoli 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** jiddisponi kif gej:-

*19 (1) ‘B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, zwieg ikun null –*
*(c) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.’*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita’ taz-zwieg *o meno* taht l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-affidavit tieghu, fil-qosor, l-attur jghid li hu w l-konvenuta kienu ltqaghu meta l-attur kellu tlieta u ghoxrin (23) sena, w l-konvenuta kienet seba’ snin izghar minnu, w mbaghad wara xi hames snin gharajjes huma kienu zzewwgu.

Waqt l-gherusija taghhom l-attur qatt ma kellu ideja li l-konvenuta kienet marida jew li b’xi mod kienet tbaghti minn xi marda. Kien jaf biss illi omm il-konvenuta kienet mietet meta l-konvenuta kellha tnax il-sena, w li din semplicement kienet mardet u mietet.

Illi kull darba li l-attur talab lill-konvenuta jew lill-missierha kif ezattament kienet mietet omm il-konvenuta, dawn kienu jirrispondu sempliciment li kienet *mardet u mietet*. Ghalhekk hu qatt ma ha xi sodisfazzjon fuq il-kawza tal-mewt ta’ omm il-konvenuta.
Illi sentejn wara z-zwieg taghhom, il-partijiet kellhom tifla li jisimha Maxine. Din twieldet fid-29 ta’ Novembru 1986. Gara li wara xi hames snin li l-partijiet kienu mizzewgin, miet missier il-konvenuta, w kien f’dak il-perjodu li l-attur skopra ezattament li omm il-konvenuta kienet mietet minhabba li kienet ilha zmien tbaghti minn marda partikolari. Sar jaf ukoll illi din hija marda serja fis-sens illi

kienet anki marda fatali w marda ereditarja. Dan kollu sar jafu minghand zija tal-konvenuta.

Illi l-attur ghalhekk mar jitkellem mat-Tabib tal-familja, certu Dr. Edward Zammit, li bazikament skond l-attur, ikkonferma l-fatt li omm il-konvenuta kienet mietet kawza ta' marda serja maghrufa bhala '*Huntington Disease*'. L-istess tabib spjegalu li din kienet marda ereditarja, w li l-konvenuta setghet timrad bl-istess marda fl-eta' ta' erbghin (40) jew hamsa u erbghin (45), u li eventwalment kien hemm cans kbir ukoll li t-tifla Maxine tispicca timrad bl-istess marda.

Illi meta sar jaf b'dan kollu, l-attur kien ixxokkjat w inkwetat hafna w hassu ingannat mill-konvenuta. Ghalhekk huwa kkonfronta l-konvenuta bl-informazzjoni li kellu w din minn-naha taghha kkonfermat illi ommha kienet issofri mill-marda msemmija mit-tabib. Mistoqsija mill-attur ghaliex qatt ma qaltlu b'din il-marda fil-familja taghha, l-*konvenuta qatt ma rrispondietux.*

Illi l-attur wara li ndaga ftit, mbaghad sar jaf ukoll illi hu omm il-konvenuta, Ganni Micallef, kif ukoll kugin taghhom isofru minn din il-marda. Sar jaf ukoll illi kugin iehor tal-konvenuta kien anki miet mill-istess marda.

Illi l-unika prova ohra li pproduca l-attur, kiex ix-xhud Louis Schembri li x-xhieda tieghu giet riprodotta izjed 'l fuq, u liema xhud xehed sempliciment dwar il-medical records tal-pazjenta Grace Grech – omm il-konvenuta – li mietet fil-17 ta' Settembru 1978, fl-eta' ta' 47 sena, b'kawza ta' *'Chorea, Huntington, Concussion of Brain, Septicemia due to severe bedsores.'*

Illi jirrizulta li l-istess konvenuta baqghet kontumaci u ghalhekk, din il-Qorti ghanha quddiemha biss, il-provi prodotti mill-attur, u mill-istess provi prodotti jirrizulta li allavolja l-attur staqsa diversi drabi kemm lill-konvneuta kif ukoll lil missierha, kif u ghaliex kienet mietet ommha, hu qatt ma inghata spjegazzjoni cara fir-rigward.

Illi anki wara z-zwieg, milli jidher il-konvenuta ma kenitx lesta li tispjega li ommha kienet mietet b'kawza tal-marda *'Huntington Disease'*, u kien biss b'kumbinazzjoni li sar jaf b'dan l-attur, meta kien qieghed ikellem liz-zija tal-konvenuta. Milli jidher donnu kien hemm xi ftehim da parti tal-familja tal-konvenuta li jzommu dan il-fatt mistur, u ma jsemmu xejn lill-attur.

Illi hu minnu li milli jidher il-konvenuta ma tbaghtix minn din il-marda sal-gurnata ta' llum u hija biss haga li tista' tigri fil-futur sfortunatament. Pero jidher li din hija marda ereditarja li tista' sahansitra taffettwa t-tifla minuri tal-partijiet ukoll.

Illi il-Qorti thoss li l-attur kellu kull dritt li jsir jaf minghand il-konvenuta stess li ommha kienet tbaghti minn din il-marda, specjalment ghaliex milli jidher huwa gieli staqsa w wera x-xewqa li jkun jaf ftit izjed dwar il-kawza tal-mewt ta' omm il-konvenuta anki waqt l-gherusija. Izjed u izjed kellu d-dritt li jaf li tezisti din il-marda fil-familja tal-konvenuta, meta din hija marda ereditarja, li llum hemm cans ukoll li tispicca biex tbaghti minnha t-tifla minuri tal-partijiet.

Illi meta sar jaf b'dan kollu, l-attur spjega li dan il-fatt spicca biex sfratta z-zwieg bejn il-partijiet, ghaliex kien jikkostitwixxi fatt serju hafna.

Ghalhekk, il-konvenuta hbiet fatt importanti mill-attur, liema fatt zgur li <u>kienet taf li kien jezisti qabel ma zzewwgu</u> l-partijiet, u <u>baqghet tahbi dan il-fatt mill-attur anki wara z-zwieg,</u> liema fatt kien ukoll serju, tant hu hekk illi meta skoprieh l-attur, huwa baqa xxokkjat w sahansitra <u>kellu l-effett li sfratta z-zwieg</u>. Il-Qorti thoss li l-attur ma kienx qed jesagera meta xehed illi meta sar jaf li tezisti din il-marda fil-familja tal-konvenuta, huwa hassu ingannat.

Illi l-kelma ingann jew *deceit* bl-Ingliz, giet definita hekk fil-kuntest ta' nullita' ta' zwigijiet: *"Fraud or deceit is a deliberate act of deception by which one person hides a significant fact from another to achieve a given end. It*

*presupposes the deliberate intention to deceive and in fact does induce the deceived person to make a determinate juridical act.' (M. Ahern, Error and deception as grounds for nullity, in Studia Canonica, 11(1977)246)."*

Illi sabiex zwieg jigi dikjarat null u bla effett a bazi ta' dan l-**artikolu 19 (1) (c)**, jridu jigu sodisfatti hames elementi li huma s-segwenti:-

*"i.Persuna ghandha volontarjament u konxjament tahbi kwalita' partikolari; ii. Dik l-istess persuna tahbi dik il-kwalita' bil-ghan li l-parti l-ohra taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg, ben sapendo li kieku dik il-persuna kellha ssir taf bil-fatt mohbi ma taghtix il-kunsens taghha; iii. Il-fatt jew kwalita' mistur ghandha tkun ta' certa serjeta' u gravita' jew oggettiva jew soggettiva, w trid tezisti fil-mument tal-ghotja tal-kunsens; iv. Il-parti li minnha qed tigi mohbija l-kwalita' jew fatt assolutament ma ghandhiex tkun taf b'dan il-fatt jew kwalita'; v. l-iskoperta ta' din il-kwalita' jew dan il-fatt ghandha tkun il-kaguni diretta ta' problemi serji w fiha l-iskoperta' ta' din il-kwalita' ghandha jirnexxila tisfratta jew tittermina z-zwieg".*

Illi l-Qorti, kif diga` spjegat 'l fuq, tissottometti li dawn il-hames elementi krucjali jezistu f'dan il-kaz partikolari w ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi ghar-raguniiet li ghadhom kif gew kkunsidrati, l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat minhabba li inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga tal-partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, tilqa` t-talba attrici biss fis-sens premess b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi minhabba li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat u ma kienx hieles peress illi l-kunsens tieghu ittiehed b'qerq dwar kwalita` tal-konvenuta *stante* li fil-familja tal-konvenuta hemm marda ereditarja, u li kieku kien jaf biha, l-attur ma kienx jaghti l-kunsens tieghu, iz-

zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi u dan abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------